



# 1 Tebgħa ħamra fis-sema

Ervaël kien ilu jiġri biex jaħrab minn dawk li kienu qed jiġru warajh. Min kienu? Sempliċi briganti li riedu biss jisirquhom, jew irġiel li kienu jafu sew li hu kien tifel-dragun?

Ix-xemx kienet laħqet l-ogħla punt fis-sema meta t-tifel fl-aħħar waqaf, mifluġ bl-għeja.

Niżżel lil Lena minn fuq dahru u ntelaq taħt siġra. Minnufih, rasu nbidlet minn dik ta' dragun f'wiċċ ta' tifel.

"Nippreferik bħala tifel," stqarret Lena. "Meta tinbidel nibda nibża' li se naqla' xi daqqa ta' sinna!"

Ervaël tbissem iżda malajr reġa' sserja.

"Irnexxielek tara min kienu dawk li kienu qed jiġru warajna?"

"Le. Malli ntbaħt bil-preżenza tagħhom ġejt ngħidlek."

"Taf xiex, iktar ma naħseb dwarha iktar nemmen li waqajna fin-nasba tar-Re u li fil-fatt hu ħalliena naħarbu ..."

Iż-żewġt itfal ħarsu sew madwarhom iżda kollox kien jidher kalm. Dawk li kienu qed jiġru warajhom issa kienu tilfu kull traċċa tagħhom.



"Għalfejn kellu jagħmel hekk ir-Re?" staqsiet sorpriża Lena.

"Biex b'hekk inwassalhom sal-moħba ta' Lejli."

"Inti titkellem mingħajr ma taħseb. Insejt li jien salvajtlek ħajtek? U li kieku mingħajri r-Re ġabek trietaq?"

Wiċċ Lena kien aħmar nar. Kienet ipperikolat ħajjitha biex issalva lit-tifel-dragun u ara kif kien qed jirringrazzjaha!

"Żgur li kien hu li ħalliek issalvani. Inti taħseb li inti b'saħħtek iktar minn re li huwa wkoll kaċċatur tad-draguni?"

Lena kkalmat, ħosbiena. L-argument ta' Ervaël kien irieġi ...

"Xorta jibqa' l-fatt li kieku mingħajri ..."

"Lena, dan ma jnaqqas xejn mill-bravura tiegħek, u nirringrazzjak tal-intervent tiegħek.